# LILL-WIED TAL-LUNZJATA, GĦAWDEX

*Kelli nerġa' narak, Wied, fejn jitgeddes*
*Daqsxejn ta' maqdes ma' ġenbejn il-blat;*
*Fejn sarbut ilma jserrep, u b'għanjitu*
*Jagħleb tad-dinja s-sejħa wil-frugħat.*

*Is-sliem għalik! Minn ġenb għal ieħor, l-għana*
*Jimla, jidwi, fin-nir tas-sema jdub:*
*Tgħanni n-nixxiegħa qalb il-qasab; igħannu*
*L-għasafar u l-werżieq qalb il-ħarrub.*

*Kelli nerġa' narak, ġenna ta' ħdura,*
*għaġeb mistur tal-wita u tal-għoljiet:*
*Minn meta rajtek l-aħħar, mewġa kiefra*
*Għal ftit ma ħakmitnix, ja ħelu Wied!*

*Inħsilt bid-dmugħ; b'għaraq il-hemm fuq ġbini*
*Ma kienx fadalli ħlief il-krib u t-talb;*
*Intlift fix-xagħri fejn il-biki jsaltan,*
*Intlift fid-dlamijiet ta' swied il-qalb.*

*Iżda dik l-Id li minn bejn snien il-ħuta*
*Harġet lil Ġona wara tlitt ijiem*
*Riedet tiġbidni lejn id-dawl u l-beraħ,*
*Warrbet minn xfar għajnejja żlieġ it-tmiem,*

*U fi ħdanek ħanin, ja Wied is-Seħer,*
*Riedet titfagħni; mbierka tkun dik l-Id,*
*Għax bl-għaġeb ta' sbuħitek, ġewwa qalbi*
*Inħoss l-għana bħal bir, ifur mill-ġdid.*

Għawdex, 4. 8. 48. ĠORĠ ZAMMIT.